MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1003/1992/1

**Avv John Buttigieg LL.D**
**v.**
**Anthony Tabone**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata fid-9 ta' Settembru 1992 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta illi permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 857/92 mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-istess Qorti inibit lill-konvenut milli jkompli bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' garage u parapett fil-front garden tal-maisonette nru 4, Plot 11, Ta'

Xtut, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar (Dok A); illi l-konvenut kompletament injora l-ordni u digriet tal-Qorti li gie moghti fit-22 ta' Mejju 1992 u dan ghaliex huwa kompla bl-istess xogholijiet u lestihom; ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, talab li dik il-Qorti:-

1. issib lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha, u
2. tiehu dawk il-provvedimenti u passi mehtiega minhabba d-disprezz lejn l-awtorita` taghha.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut.

B'nota pprezentata fit-12 ta' Ottubru, 1992 l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 857/92 li ghalih sar riferenza fic-Citazzjoni odierna qatt ma gie nnotifikat lill-eccipjent skond kif mehtieg bil-ligi.
2. Illi fil-meritu, u minghajr l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepit, mit-22 ta' Mejju, 1992, id-data li fiha inghata d-degriet ta' dina l-Onorabbli Qorti u nhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 857/92 fuq riferit, salv ghax-xogholijiet riferiti fil-paragrafu numru tlieta (3) hawn taht segwenti, l-eccipjent ma ezegwixxa l-ebda xogholijiet strutturali fil-fond *de quo* u x-xogholijiet kollha li saru mill-eccipjent kienu jikkonsistu fit-tqeghid tal-bieb ta' barra tal-hadid tal-garaxx, liema bieb kien gia' inhadem, f'tibjida dawra tond, kif ukoll fit-tqeghid ta' 'railings' tal-'aluminium' fil-parapett ta' fuq l-imsemmi garaxx, liema 'railings' kienu wkoll gia' inhadmu.
3. Illi di piu', ix-xogholijiet imsemmija fil-paragrafu numru tnejn (2) precedenti saru wara li kien intlahaq ftehim bejn il-periti arkitetti tal-kontendenti, cioe` l-Perit Joseph Huntingford ghall-attur u l-Perit Joseph Gerada Azzopardi ghall-eccipjent ai termini ta' liema ftehim l-istess eccipjent ikkostruwixxa taht id-direzzjoni tal-perit tieghu l-imsemmi Perit Joseph Gerada Azzopardi hajt tal-'concrete' wiesa' pied mat-tul tal-garaxx kollu u gholi tlett filati biex jaghmel tajjeb ghall-pedament tal-bini li kien allegatament intmiss.
4. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-26 ta’ Gunju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, sabet lill-istess konvenut hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` taghha billi kiser l-ordni kontenut fil-mandat ta’ inibizzjoni numru 857/92 mahrug fit-22 ta’ Mejju 1992; u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt liri maltin (LM500) fir-Registru tal-istess Qorti fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u ordnat li fin-nuqqas ta’ hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ghall-zmien hmistax (15)-il-gurnata. Ikkundannat lill-konvenut li wkoll ihallas l-ispejjes.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti qalet hekk:
“Din il-kawza tittratta dwar disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u bhala tali taqa’ taht id-disposizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikoli 988 sa 1003 tal-Kap 12). L-artikoli in kwistjoni jiddisponu li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u jippreskrivu l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. Hekk insibu specifikatament il-piena tac-canfira, l-*ammenda*, il-*multa*, u anke d-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Minn dan jidher car li dan il-procediment jitqies ta’ indoli kriminali u li l-fatt li l-procediment jigi inizjat permezz ta’ citazzjoni, cioe` l-att li normalment jintuza f’azzjonijiet civili, ma jnehhi xejn min-natura kriminali tieghu. F’dan il-kaz ic-citazzjoni tista’ titqies bhala tahrika ta’ l-“akkuzat” biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza.

“Fis-sottomissjonijiet tieghu d-difensur tal-konvenut issottometta li ghalkemm l-artikolu 1003A tal-Kap 12 gie introdott wara li giet inizjata din il-kawza, dak li jipprovdi l-istess artikolu dwar kif ghandhom jinbdew il-procedimenti mehtiega ghandu japplika b’mod retroattiv.

“L-artikolu msemmi (introdott b’Att numru XXIV ta’ l-1995 u emendat b’Att numru IV ta’ l-1996) jghid li “*bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, f’kull procediemtnghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-*

*Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

"Izda din il-kawza giet istitwita fid-9 ta' Settembru 1992 meta l-gurisprudenza tal-Qrati taghna kienet fis-sens li l-istanza ghad-disprezz kellha tigi istitwita mill-parti interessata fil-kawza fil-procediment li fih ikun allegat li avvera ruhu l-att dispreggjattiv. Dan pero` kien wassal ghal sitwazzjoni fejn ufficjal tal-Qorti tpogga f'sitwazzjoni ta' dipendenza ghall-harsien tieghu nnifsu mill-volonta` tal-parti li jista' ma jkollhiex anqas interess li tagixxi. Ghalhekk l-emenda ppruvat tovvja ghal din l-anomalija. Ara f'das-sens is-sentenza li ghaliha rrefera d-difensur tal-konvenut stess, u cioe` **Registratur tal-Qrati vs Salvu Psaila et** deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri fit-12 ta' Frar 1996 (Vol. LXXX.ii.1087). Huwa car ghalhekk li minn dak li qalet din l-Onorabbli Qorti ma jistax wiehed jikkonkludi, kif jippretendi l-konvenut, li procediment diga' istitwit mill-parti ghandu jitqies irritwali.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri** deciza fid-9 ta' Novembru 1990 (Vol. LXXIV.iii.546), din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkummentat:

"*1. L-okkju tal-procediment odjern, "Il-Qorti kontra Antoine Camilleri" huwa infelici. Jaghti l-impressjoni li hemm kontrast bejn il-Qorti u l-konvenut. Anki l-addebitu li l-konvenut huwa allegatament hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, jaghti dik l-impressjoni. B'danakollu fir-realta` ma hemm ebda kontesa bejn il-Qorti u l-konvenut;*

2. *Di fatti l-procediment prezenti huwa stabbilit mil-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja;*
3. *Minkejja l-okkju, il-Qorti mhux parti interessata f'dan il-gudizzju. L-Imhallef ma ghandu ebda interess personali fil-mertu tal-procediment. L-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imhallefhu dak li jissussiti f'kull procediment, dak cioe` li ssir gustizzja skond il-ligi."*

"U l-Qorti pprocediet biex tiddeciedi l-kaz.

"Fil-fehma tal-Qorti,li kieku kellha tilqa' s-sottomissjoni tal-konvenut, hija kienet tmur kontra l-interessi tal-gustizzja u kontra d-dover taghha li tittutela l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-procedura adottata mill-attur ghandha titqies ritwali.

**Apprezzament tal-provi**

"Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut isostni li qatt ma gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni. Dan huwa kontradett mill-verbal tat-22 ta' Mejju 1992 fl-atti tal-mandat imsemmi (fol. 10 ta' dan il-process) mnejn jirrizulta li ghal dik is-seduta meta l-mandat gie dekretat definittivament il-konvenut kien prezenti. (*"Deher ukoll l-intimat assistit minn Dr. Kevin Dingli")* u Dr. Dingli "*ghan-nom ta' l-intimat jaghti ruhu b'notifikat bil-Mandat ta' Inibizzjoni".* Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

"Fit-tieni eccezzjoni tieghu jghid il-konvenut li wara l-hrug tal-mandat huwa ma esegwixxa l-ebda xogholijiet strutturali u kull ma ghamel kien it-tqeghid ta' bieb ta' barra tal-hadid tal-garaxx, tibjida dawra tond, u tqeghdi ta' *railings* ta' l-*aluminium* fil-arapett. Izda mbaghad fit-tielet eccezzjoni qal li kkostruwixxa hajt tal-*concrete* wiesa' pied mat-tul tal-garaxx kollu u gholi tliet filati biex jaghmel tajjeb ghall-pedament tal-bini u dan that id-direzzjoni tal-Perit Joseph Gerada Azzopardi u wara li kien intlahaq ftehim bejnu u l-Perit Joseph Huntingford.

"L-attur xehed li hu ma kien ta l-ebda inkarigu lill-Perit Huntingford biex jasal f'xi ftehim ghan-nom tieghu mal-konvenut jew mal-Perit tieghu. L-istess Perit Huntingford ikkonferma dan u zied ighid biss li darba kien cempillu l-Perit Gerada Azzopardi nkwetat fuq kif kien sar il-qtugh tal-blat u huwa wiegbu li hemm soluzzjoni ghal kollox; ma qalx li kienu lehqu xi ftehim. Ta' min jinnota li ghalkemm saru xi tentattivi mill-konvenut biex jittella' jixhed il-Perit Gerada Azzopardi, dan baqa' ma giex prodott. Inoltre mix-xiehda tal-konvenut stess huwa evidenti li huwa ma kienx prezenti ghall-konversazzjoni li seta' kien hemm bejn iz-zewg periti.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Qorti vs George Galea** deciza fl-14 ta’ Marzu 1988 (Vol. LXXII.ii.226) l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet li “***jehtieg li kulhadd jifhem tajjen li biex jinzamm il-bwon ordni fis-socjeta` hadd ma jista jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x’qallu haddiehor.”***

“F’dan il-kaz huwa evidenti li l-konvenut injora ghal kollox l-inibizzjoni tal-Qorti, u kkostruwixxa hajt jew bank tal-konkos fil-garaxx. Sar ghal liema raguni sar dak il-bank, il-konvneut ma kellu l-ebda dritt jaghmlu jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Izda mhux hekk ghamel. Ghazel li jaghmlu fuq dak li qallu (bit-telefon) il-Perit tieghu. U b’hekk seta’ jikkompleta l-garaxx biex jibda juzah kif ried hu. Jigifieri ghamel il-kuntrarju ta’ dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza precitata.

“Fl-istess sentenza **il-Qorti vs George Galea** ntqal ukoll li “*hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa’, it-talba ghall-iskuza tista’ timmitiga l-htija ta’ min jikkommetti att ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti (Ara l-Qorti vs Caterina Cachia, 9 ta’ Marzu 1950 Qorti tal-Kummerc, Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iii.783)"* ”’dan il-kaz il-konvneut bl-ebda mod ma talaq skuza.

“Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti ssib li ghandha tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ *multa* ta’ hames mitt liri Maltin (LM500) li ghandha tithallas fi zmien xahar millum u fin-nuqqas ta’ hlas fit-terminu moghti tigi konvertita, a tenur ta’ l-artikolu 1002 tal-Kap 12 u s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 11 tal-Kap 9, fi prigunerija ghal zmien hmistax-il gurnata.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors pprezentat fl-10 ta’ Lulju, 2002 interpona appell lil din l-Qorti fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tipprovdi minflok billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut

appellant u tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat talab li, prevja c-cahda tal-appell tal-konvenut, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata.

**L-aggravji mressqa mill-konvenut.**
L-aggravji tal-konvenut appellant huma, essenzjalment, is-segwenti:
a) L-assenza ta’ interess guridiku da parti ta’ l-attur;
b) Li ma gie kommess ebda att ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti; u
c) Li, fic-cirkostanzi, anke jekk kellu jirrizulta disprezz, il-multa inflitta ghandha tkun ferm izghar u li spejjes jibqghu jew bla taxxa, jew kullhadd ihallas tieghu jew bin-nofs.

**L-interess guridiku.**

Din il-pregudizzjali qeghed tigi proposta fis-segwenti mod fir-rikors tal-appell:
“fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti kien imissha ma haditx aktar konjizzjoni tat-talbiet attrici in vista tal-emendi fil-ligi illi sehhu fl-1995 u l-konsegwenzjali u evidenti nuqqas ta’ interess legali da parti tal-attur illi jkompli joqghod bhala attur fil-kawza in segwitu ghall-istess emendi, u b’hekk (kien imissha) illiberat lill-konvenut ab observantia iudicii bl-ispejjes kollha kontra l-attur.”

Din il-kwistjoni kienet tqajmet mill-konvenut in prim istanza wara li kienu dahlu in vigore l-emendi ghat-Titolu XVII tal-Kap 12 b’effett tal-Att XXIV ta’ l-1995. Dan l’Att, kif sussegwentement emendat bl-Att IV ta’ l-1996, introduca l-Artikolu 1003A li jrid li f’kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi <u>ghandu jitqies bhala l-attur.</u>

L-ewwel qorti kkunsidrat din is-sottomissjoni tal-konvenut izda skartata w rriteniet l-procedura adottata mill-attur bhala ritwali, billi sostniet li “*kieku kellha tilqa’ s-*

*sottomissjoni tal-konvenut, hija kienet tmur kontra l-interessi tal-gustizja u kontra d-dover taghha li tittutela l-amministrazzjoni tal-gustizzja.*"

Il-pern tal-kwistjoni hija r-retroattivita` ta' ligi meta din temenda ligi vigenti. Is-sottomissjoni tal-konvenut hija principalment msejjsa fuq konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku u inkwantu, kif qed jigi sottomess, procedimenti ghall-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti jikkoncernaw strettament materja ta' ordni pubbliku, l-emenda introdotta bl-Att XXIV ta' l-1995 kellha effett immedjat fuq l-interess guridiku tal-attur.

Jidher li huwa generalment rikonoxxut fil-gurisprudenza nostrana li r-regola li ghandha tipprevali f'materja ta' retroattivita` ta' ligijiet hija dik pronunzjata minn din il-Qorti, kif dakinhar komposta, fis-sentenza tas-26 ta' Frar 1954 fil-kawza fl-ismijiet "**Edgar Baldacchino et vs Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et**." Hemm gie ritenut li meta f'ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1959 fil-kawza "**Joseph Caruana Curran ne vs Anthony Camilleri ne**" esprimiet ruhha konformement ma dan it-taghlim tal-Qorti ta' l-Appell meta rriteniet li biex ligi jkollha effett retroattiv, jehtieg li dan l-effett jirrizulta b'mod l-aktar car u zgur, u ghaldaqstant, fid-dubbju ghandu jkun eskluz. Il-kuncett ta' retroattivita jsib ukoll applikazzjoni f'proceduri gja mibdija billi, kif gie ritenut f'sentenza tal-Prim Awla tat-3 ta' Dicembru 1947 fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Filippo Nicolo Buttigieg et vs Maggur Gerard C. Gatt R.M.A**." fil-kaz ta' procedimenti ga avvjati ligi gdida ma tistax tkun retroattiva, izda r-retroattivita` ghandha xorta wahda tigi applikata f'procedimenti ga avvjati <u>jekk din tkun espressament sancita` mill-istess ligi gdida.</u>

Dan premess din il-Qorti taghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet transitorji li jinsabu fl-Att XXIV ta' l-1995, billi, fl-assenza ta' indikazzjoni ta' effett retroattiv fl-artikolu

relevanti u cioe` l-artikolu 1003A, huma dawn id-dispozizzjonijiet li jistghu jitfghu dawl fuq din il-problema.

Is-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 362 tal-Att XXIV ta' l-1995 – Att biex jemenda l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12. 12/9/1995 – ighid espressament hekk:

**Art. 362 (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijet ta' dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li gejjin, id-dispozizzjonijiet tal-ligi principali kif emendati b'dan l-Att u d-dispozizzjonijiet tal-ligijiet imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att kif emendati b'dan l-Att, ghandhom jghoddu ghall-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dak il-Kodici jew dawk il-ligijiet, u li f'dik id-data jkunu ghandhom pendenti u ma ghaddewx f'gudikat.**

Minn dan naraw li l-legislatur ried li l-Artikolu 1003A, fuq imsemmi, ikollu effett immedjat, anke fir-rigward ta' dawk il-procedimenti li jkunu ga avvjati u li ghadhom pendenti. Minn dak il-mument, ghalhekk, filwaqt li l-proceduri per se gew salvagwardati in forza ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 362 u cioe li *"ebda haga fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandha thassar xi procedura sew bil-miktub jew bil-fomm li setghet saret qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u li kienet valida skond il-ligi kif kienet fis-sehh fid-data meta dik il-haga tkun saret*", jidher li l-attur appellat ma kellux aktar locus standi f'dawn il-proceduri billi dan l-interess guridiku issa kien gie trasferit bil-ligi f'isem ir-Registratur tal-Qrati. Dak li kellu jsir kien li fuq ordni tal-Qorti r-Registratur jassumi l-atti bhala attur minflok l-Avukat John Buttigieg. Dan l-aggravju ghalhekk huwa fondat.

Billi ser jigi akkolt l-ewwel aggravju din il-Qorti ma tarax in-neccessita` li tindaga u tippronunzja ruhha fuq l-aggravji l-ohra billi bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju l-konvenut ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi akkolt billi qed jigi dikjarat li in forza tal-emendi introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995 l-attur tilef l-interess guridiku f'dawn il-proceduri, u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, b'dana pero` li fic-cirkostanzi tal-kaz u anke b'sens ta' ekwita`, tordna li l-ispejjes taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------